MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1039/2005

**Angelo Zahra u martu Josephine Zahra**
**vs**
**GasanMamo Insurance Ltd (C-3143)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2005, fejn intqal :**
**Illi l-atturi siefru fuq cruise bejn is-17 u d-29 t'Awissu 2004 u ghal dan il-perijodu kienu koperti minn Travel Insurance Policy numru D8736T73095288 mahruga mis-socjeta` konvenuta.**
**Illi bejn is-27 u it-28 t'Awissu, 2004, l-attrici hasset ruhha ma tiflahx, giet ezaminata mit-tabib tal-vapur u rikoverata ghal lejl fl-isptar fuq l-istess vapur u moghtija kura kif jirrizulta mill-anness « Injury and Illness Medical Record », Dok.A**

**Illi l-ispejjez ghall-istess kura li rceviet l-attrici fuq il-vapur ammontaw ghal $874.92, Dok.B.**
**Illi wara li rritornaw Malta, l-attrici ghamlet Claim fuq it-Travel Insurance Policy mas-socjeta` konvenuta, Dok.C ghall-ispejjez billi dawn huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni.**
**Illi s-socjeta` konvenuta irrifjutat li thallas lill-attrci l-ispejjez skond il-Claim, Dok.D.**
**Illi l-attrici baqghet issostni d-dritt taghha ghar-rimbors u ssottomettiet lill-assikurazzjoni konvenuta rapporti medici mit-Tabib kuranti taghha u anke X-ray mehud appositament Dok.E,F u G.**
**Illi minkejja dan, u anke minkejja li giet interpellata biex thallas l-ammont ta' $874.92, bir-rata tal-kambju tal-lum (2.9920) ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm292.42) oltre tnejn u tletin lira (Lm32) spejjez ta' X-ray, Dok.H permezz ta' ittra legali datata 18 t'April, 2005, Dok.I, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-interessi u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 t'April, 2005, kontra s-socjeta` konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fl-1 ta' Gunju, 2005 fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-attrici kienet diga tbati minn kundizzjoni kronika fil-mument li inharget il-polza tal-assigurazzjoni u ghalhekk il-kundizzjoni li kienet qieghda tbati biha waqt li kienet rikoverata fuq il-vapur ma kienetx koperta mill-polza tal-assigurazzjoni.**
**Bl-ispjjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Angelo Zahra, Dr George Vella, Professur Joseph M. Cacciottolo, John Galdes, Dr. Joe Pace. Ra l-affidavits ta' Dr. George Vella, Angelo Zahra. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mis-socjeta konvenuta.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-atturi qed jitolbu hlas ghal kura medika li rceviet fuq il-vapur fis-27 u it-28 t'Awissu, 2004, waqt li kienet fuq cruise. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li l-attrici ma hiex koperta bil-polza peress illi l-attrici kienet tbati minn kundizzjoni kronika meta inharget il-polza.**
**2. Dr. George Vella spjega li l-attrici kienet tbati minn tensjoni u « mild hypertension », u kienet giet kurata. Spjega wkoll li ghamlet zmien fis-sena 2001 meta lmentat minn « occasional fluttering » fil-pulmun, u kien ippreskrivila medicina fir-rigward. Kienet giet riferuta ghal ghand il-Prof Cacciottola li ppreskrivila xi midicini, u r-ritmu taghha gie normali. Apparti minn dan l-attrici kienet tbati mill-asthma. Jghid : « I do not consider Mrs Zahra as suffering from a serious or chronic illness ». Gie nnutat ukoll li l-attrici qatt ma baghtiet mill-asthma.**
**3. Il-Professur Cacciottolo jikkonferma dan. Jghid li dwar il-qalb, l-attrici kellha tferfir, u inghatat medicina biex tikkontrollaha. Skond l-istess Professur, meta ddahhlet fil-clinic l-attrici originarjament kellha « chest infection ». Inghataw lilha inhalers, u dawn setghu kienu l-kawza tal-« atrial fibrillation » li rrizultat. Spjega li l-Ventolin jikkawza tali kundizzjoni. Enfasizza li biex inghatat il-edicina li tawha, ta bilfors l-attrici kellha :chest infection » qawwija. Apparti minn dan gie nnutat li meta ddahlet fis-sick bay ir-ritmu tal-qalb taghha kien normali. Innota ukoll li met agie askoltat sidirha instab tharir biss fuq ix-xellug, filwaqt li jekk ikun hemm « heart failure » it-tharir ikun fuq iz-zewg nahat.**
**4. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghad-Dok.A, cioe` n-notamenti li ttiehdu fil-klinic tal-vapur fejn hemm specifikat « asthma & underlying bronchitis ». Filwaqt li Dr. Francis Theron, a fol3, iccertifika li « She was diagnosed with congestive cardiac failure and atrial fibrillation. » Rilevanti ferm li dan ic-certifikat hareg fit-28 t'Awissu, 2004, filwaqt li li ddahhlet fil-clinic fis-27 t'Awissu, 2004, u r-rapport tas-27 t »Awissu ma jaghmilx refernza ghal « cardiac failure. »**

**5. Dana kollu huwa aktar evidenti meta wiehed jezamina log book fir-rigward tal-pazienta, Dok.A1 u A2 (fol.33 u 34).**

**6. Is-socjeta` konvenuta pproduciet lil Dr. Joe pace biex jirribatti dak li qalu t-tobba l-ohra. Indikattiv dwar il-kundizzjoni tal-pazjenta hi l-konferma li qabel li l-pols kien normali meta dahlet, pero` filghaxija ma kienx. Jigi rilevat li meta Dr. Pace xehed hu kien qara dak li qalu l-Professur Cacciottolo u Dr. Vella, u d-deposizzjoni tieghu trid tittiehed f'dan il-kuntest. Jigi rilevat li l-opinjoni ta' Dr. Pace, a differenza minn dik tal-Professur Cacciottolo u ta' Dr. Vella hi bazata eskussivament fuq il-case notes. Dana qatt ma ezamina lill-attrici, filwaqt li hi kienet pazjenta tat-tobba l-ohra imsemmija.**

**7. It-Tribunal hu ferma propens li jaccetta kompletament dak li qed jghidu l-Professur Cacciottolo u Dr George Vella, u cioe` li l-mard li kellha l-attrici kien sviluppa waqt il-cruise, u li ma kienetx tbati minn mard kroniku. It-Tribunal fir-rigward jaghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-atturi u in partikolari f'dan il-kuntest fol.89 sa 91.**

**8. Ghalhekk it-talba attrici tirrizulta pruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm324.24) bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Mejju, 2005 (data tan-notifika tal-avviz), u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 t'April, 2005, kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------